**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kurt Zahra)**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**Wayne Camilleri**

**Kumpilazzjoni Numru**: **294/16**

**Illum, is-sittax (16) ta' Mejju, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Wayne Camilleri detentur tal-karta tal-identita' b'numru **314092M** fejn gie akkuzat talli:

1. nhar l-20 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tas-6.30 ta' filghaxija gewwa Triq Villambrosa, Hamrun, flimkien ma` persuni ohra

ikkommetta serq ta` gizirana li valur taghha jammonta ghal mitejn u hamsin Ewro (€250), liema serq sar ghad-dannu ta' Maria Grech, persuna anzjana detentrici ta' karta tal-identita` b` numru 516237(M), u liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), **u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(a)(c), 262(1)(a)(b), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta**;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Maria Grech, detentrici ta' karta tal-identita` b`numru 516237(M), li hija persuna li ghalqet sittin sena, hekk skond kif iccertifikat Dr. Dalli Badjadi MD (Reg. No. 3358) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana, **u dan bi ksur tal-Artikoli 215 u 221(1) u 222A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**;

3. u aktar talli nhar l-28 ta` April, 2016, ghall-habta ta` 12.45 ta' filghaxija gewwa Triq id-Duka ta` Edinburgh, Hamrun, flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana li valur taghha jammonta ghal tlett mija u hamsin Ewro (€350), liema

serq sar ghad-dannu ta' Frances Bezzina, persuna anzjana detentrici ta' karta tal-identita` b`numru 807344(M), u liema serq huwa bil-vjolenza u bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(a)(c), 262(1)(a)(b), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta

4. u aktar talli nhar l-14 ta` Mejju, 2016, ghall-habta ta` l-10.00 ta' filghodu gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun, flimkien ma` persun ohra ikkommetta serq ta` gizirana li valur taghha jammonta ghal erba' mitt Ewro (€400), liema serq sar ghad-dannu ta` Maria Stella Baldacchino, persuna anzjana detentrici ta' karta tal-identita` b` numru 588636(M), u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. u aktar talli nhar l-13 ta` Mejju, 2016, ghall-habta ta` l-12.30 ta' filghaxija gewwa Triq Tommaso Caruana Demajo, Hamrun

flimkien ma` persuni ohra ikkommetta serq ta` gizirana tad-deheb li l-valur taghha mhux maghruf, liema serq sar ghad-dannu ta` Emmanuela Dennis, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 1118647(M), u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

6. u aktar talli nhar it-03 ta` Gunju, 2016, ghall-habta ta` 3.55 ta' filghaxija gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun flimkien ma` persuna ohra ikkommetta serq ta` gizirana tad-deheb li l-valur taghha mhux maghruf, liema serq sar ghad-dannu ta' Margherita Vella, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 194650(M), u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**7.** u aktar talli nhar it-03 ta` Gunju, 2016, ghall-habta tal-5.10 ta' filghaxija gewwa Triq Schembri, Hamrun flimkien ma` persuna ohra ikkommetta serq ta` gizirana tad-deheb li l-valur taghha mhux maghruf, liema serq sar ghad-dannu ta` Vittoria Dalli, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 60639(M), u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), **u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267, 279 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta**;

**8.** u aktar talli nhar it-28 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tat-8.45 ta' filghxija gewwa Trejqet Sant` Anna, Hamrun flimkien ma` persuna ohra ikkommetta serq ta` zewg gizirajjen li l-valur taghhom jammonta ghal madwar elf u sitt mitt Ewro (€1600), liema serq sar ghad-dannu ta` Emanuela Attard, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 18049(M), u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), **u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b)261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta**;

9. u aktar talli nhar is-16 ta` April, 2016, ghall-habta tal-11.20 ta' filghodu gewwa Triq Sant` Antnin, Hamrun flimkien ma` persuna ohra ikkommetta serq ta` gizirana li l-valur taghha jammonta ghal madwar mitejn Ewro (€200), liema serq sar ghad-dannu ta` Alexandra Grech, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 599962(M), **u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(c), 284 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta**;

10. u aktar talli nhar id-19 ta` April, 2016, ghall-habta tal-4.00 ta' filghaxija minn hdejn gnien Bel Vedere sitwat gewwa l-lokalita' tal-Marsa flimkien ma` persuna ohra ikkommetta serq ta` gizirana li l-valur taghha mhux maghruf, liema serq sar ghad-dannu ta` Sandra Mary Portelli, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 305300(L), u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), **u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta**;

11. u aktar talli nhar it-22 ta` April, 2016, ghall-habta tas-6.45 ta' filghaxija gewwa Triq San Mikiel, Marsa flimkien ma` persuna

ohra ikkommetta serq ta` gizirana li l-valur taghha jammonta ghal madwar tlett mitt Ewro (€300), liema serq sar ghad-dannu ta` Maria Lourdes Pulis, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 35952(M), u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), <u>u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta</u>;

**12.** u aktar talli nhar is-06 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tas-2.00 ta' filghaxija gewwa Triq Mimosa, Pieta` flimkien ma` persuna ohra ikkommetta serq ta` gizirana li l-valur taghha mhux maghruf, liema serq sar ghad-dannu ta` Mary Aquilina, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 8042(G), u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), <u>u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta</u>;

**13.** u aktar talli nhar it-23 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tas-6.40 ta' filghaxija gewwa Triq Mimosa, Pieta` flimkien ma` persuna

ohra ikkommetta serq ta` gizirana li l-valur taghha mhux maghruf, liema serq sar ghad-dannu ta` Dorothy Formosa, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 495538(M), u liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(b), 261(c), 267, 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

14. u aktar talli nhar is-27 ta`Mejju, 2016, ghall-habta tal-4.00 ta' filghaxija gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera flimkien ma` persuna ohra ikkommetta serq ta` gizirana li l-valur taghha jammonta ghal madwar mitejn Ewro (€200), liema serq sar ghad-dannu ta` Izabela Soczka, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 143247(A), u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(c), 284 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

15. u aktar talli nhar it-28 ta` Mejju, 2016, ghall-habta tas-6.30 ta' filghaxija gewwa Triq Joe Abela Scolaro, Hamrun flimkien ma` persuna ohra ikkommetta serq ta` gizirana tad-deheb li l-valur taghha jammonta ghal madwar mitejn u disa' Ewro

(€209), liema serq sar ghad-dannu ta` Maria Borg, persuna anzjana detentrici ta` karta tal-identita` b` numru 758539(M), **u dan bi ksur tal-Artikoli 257D(1)(c) 284 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta**;

16. u aktar talli nhar l-20 ta` Mejju, 2016, ghal habta tal-10.00 ta' filghodu gewwa Triq Villambrosa, Hamrun bil-hsieb li jaghmel delitt wera` dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi prova jisraq gizirana tal-valur mhux maghruf ghad-dannu ta' Carmela Ellul, detentrici ta` karta tal-identita b` numru 213239(M), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), **u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 261(c), 267 u 279(a ) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta**;

17. u aktar talli nhar it-03 ta` Gunju, 2016, ghal habta tal-4.10 ta' filghaxija gewwa Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun bil-hsieb li jaghmel delitt wera` dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu

ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi prova jisraq gizirana tal-valur mhux maghruf ghad-dannu ta' Anna Enriquez, detentrici ta` karta tal-identita b` numru 591944(M), liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-valur li ma jiskorrix l-ammont ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin cetenezmu (€2,329.37), u dan bi ksur tal-Artikoli 41, 261(c), 267 u 279(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

18. u aktar talli ikkometta diversi reati u b'hekk kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'zewg sentenzi moghtija lilu fis-6 ta' Novembru, 2013 u fit-28 ta' Jannar, 2015 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D.), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula:

19. u aktar talli xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod indaħal biex ibiegħhom jew

imexxihom, <u>**u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**</u>;

**20.** fl-ahharnett, il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv <u>**ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**</u> wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata hamsa (5) ta' Gunju elfejn u sittax (2016) fejn biha ta l-kunsens li dawn il-proceduri jigu trattati b'mod sommarju;

Semghet ix-xhieda kollha;

Ikkunsidrat:

Illi xehdet WPC 169 Doris Alsous li hadet ir-rapporti ta' diversi anzjani li gew derubati fit-triq minn persuna maskili. Dawn gew derubati minn oggetti ta' gojjellerija li kienu lebsin dak il-hin mill-Hamrun. Dawn ir-rapporti gew esebiti bhala Dok. DA1 sa DA4.

Xehed CO 165 Dennis Thornton li jghid illi nhar it-tlieta (3) ta' Gunju 2016 kien gewwa l-Hamrun ghall-habta ta' bejn il-hamsa (5:00p.m.) u l-hamsa u kwart (5:15p.m.) hdejn il-grawnd fejn f'daqqa u l-hin sema' ghajjat ta' mara u persuna maskili tigri. Din qaltlu li dak ir-ragel kien hadilha l-gizirana. Dan fil-pront mar jigri warajh u meta sabu qallu biex imur mieghu u dan qallu li ma kellux problema u ried imur mieghu sabiex ifittxu l-gizirana. Qal illi meta marru hdejn l-anzjana din kienet gharfet lil dan il-guvni li kien hadilha u x-xhud min-naha tieghu gharaf lill-imputat li kien dak il-persuna. Dan jghid illi l-imputat beda jghid lis-sinjura sabiex ihallasha izda ftit wara gew il-pulizija.

Xehdet ukoll Victoria Dalli li kienet l-anzjana msemmija fix-xhieda precedenti li kkonfermat li giet derubata mill-imputat u li wara li

gie maqbud mix-xhud precedenti, dan kien qallha sabiex ihallasha ta' din il-gizirana izda hija ma riditx. Din tghid illi din il-gizirana kienet deheb ta' erbgha u ghoxrin (24) karat izda ma kinitx certa li kienet xtratha xi hamsin liri Maltin (Lm50) dak iz-zmien.

Xehdet derubata ohra <u>**Anna Enriquez**</u> li tghid illi fix-xahar ta' Gunju 2016 kienet qed timxi hdejn il-knisja ta' San Gejtanu meta f'daqqa wahda hasset lil xi hadd jigbidha minn wara. Dan kien f'xi l-erbgha ta' waranofsinhar (4:00p.m.). Hija tghid illi l-gizirana baqghet imwahhla ma' ghonqha u ghalhekk dan il-persuna ma rnexxielux johodhielha pero' hija xorta wahda marret l-ghassa tirraporta. Hija ma gharfet lil hadd fl-awla.

<u>**Margerita Vella**</u> ukoll xehdet li kienet ghamlet rapport l-ghassa tal-Hamrun fix-xahar ta' Gunju 2016 fejn allegat li waranofsinhar meta din kienet niezla fit-triq principali tal-Hamrun xi hadd gibdilha l-gizirana minn ghonqha li kienet tad-deheb, irqiqa u b'qalb zghira mdendla maghha. Hija ma tafx kemm kienet tiswa' ghaliex kienet rigal mit-tfal taghha.

Xehdet ukoll Frances Bezzina fejn xehdet li kienet ittihditilha gizirana b'zewg domni li kienet liebsa meta hija kienet timxi go Triq Duke of Edimburgh Hamrun li kienet tiswa' xi mija u hamsin liri Maltin (Lm150). Din tghid illi din il-persuna ma ratux ghaliex kien liebes barnuza u telaq jigri qisu sajjetta.

Emmanuela Attard fejn kienet irraportat f'Mejju 2016 li kienet giet derubata fil-Hamrun fi Triq Sant Anna fejn persuna serqilha zewg gizirani hoxnin. Din tghid illi hi bdiet tissara mieghu biex ma johodhomlhiex fejn fil-fatt selhet idejha. Tghid illi giet habiba taghha tferraqhom fejn hu mbuttaha u waqghet u fejn dan ha l-gizirani u telaq jigri. Hija tghid illi wahda minn dawn il-gizirani kienet tiswa' tmien mitt ewro (€800). Hija tghid illi ma tistax tirrikonoxxi dik il-persuna li kienet serqitha.

Xehdet ukoll Alexandra Grech li xehdet li anke hi kellha esperjenza fejn xi hadd gibdilha gizirana minn ghonqha u dan fil-mina tal-Hamrun meta gie persuna maskili, sammarha u hadilha l-gizirana. Hija tghid illi ma setghetx tirrikonoxxi dik il-persuna.

Maria Grech xehdet illi fl-ghoxrin (20) ta' Mejju 2016 kienet fi Triq Villambrosa, Hamrun fejn insterqitilha gizirana tad-deheb li kien fiha domna ta' San Gejtanu u ohra ta' Santa Rita. Dawn kienu jiswew sittin ewro (€60) il-gizirana u d-domni tlettax il-ewro (€13) kull wiehed. Hija tghid illi ma setghetx taghraf lil dan ir-ragel ghaliex kien liebes hoodie griza.

Xehdet ukoll Mary Aquilina li kienet ghamlet rapport fis-sitta (6) ta' Mejju 2016 fejn din irraportat li kienet insterqitilha gizirana tad-deheb li kien fiha salib kbir, zewg domni, wahda ta' Santa Rita u l-ohra tal-Madonna Mirakoluza u mac-choker kellha pjanca b'wicc ir-ragel taghha. Dan sar f'Mimosa Street, Hamrun. Hija tghid illi wara li harget mill-hanut gie persuna minn wara u hatfilha din il-gizirana li kienet tiswa' fuq mitt lira Maltin (Lm100) kif ukoll is-salib. Din tikkonferma li l-halliel ratu f'wiccu ghax gie wicc imb wicc maghha u dan kien liebes barnuza go rasu izda ma setghetx tiddentifikah fl-awla.

Mary Borg xehdet li xi hadd serqilha choker tad-deheb meta kienet ghadha kif harget mill-quddies fil-Hamrun liema choker kienet xtratu xi disghin lira Maltin (Lm90). Tghid illi l-halliel kien liebes l-

iswed izda ma kinitx ratlu wiccu u wisq anqas ma setghetx tiddentifikah.

Dorothy Formosa xehdet illi kien it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju 2016 fi Triq Mimosa, Hamrun meta xi hadd serqilha katina b'pendent tad-deheb li kienet tiswa' xi sebghin ewro (€70). Din tghid illi dan ir-ragel kien twil u kien liebes sidrija blu izda ma ratux f'wiccu.

Maria Lourdes Pulis hasset daqqa fuq spallitha meta kienet miexja fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' April 2016 u tghid illi hasset ukoll dufrejh dehlin go ghonqa u hatfilha l-gizirana izda ma rnexxielux johodha. Hija tghid illi ma ratx min kien dan ir-ragel izda li taf li ma kienx ohxon.

Xehdet Sandra Mary Portelli li qalet li fid-dsatax (19) ta' April 2016 kienet go Belvedere Gardens il-Marsa meta gie ragel minn warajha u hatfilha l-gizirana. Tghid illi din il-persuna kienet ghadha kif ghaddiet minn hdejha u ghalhekk kienet ratu sew f'wiccu. Hija tghid illi meta hatfilha l-gizirana bdiet tghajjat u tigri warajh. Hija

tghid illi dan kien liebes hoodie, hwejjeg puliti tad-ditta skuri izda ma setghetx taghraf lil hadd minn gol-awla.

Xehdet <u>Izabella Soczka</u> li qalet li bejn April jew Mejju 2016 minn hdejn skola tat-tfal gie xi hadd minn wara u hatfilha l-gizirana. Din tghid illi wara li hatfilha l-gizirana u harab 'l hemm beda jidhaq u seraq laringa wkoll. Hija tghid illi din il-gizirana kienet tad-deheb li kellha pendent tal-Madonna li tiswa' madwar mitejn ewro (€200). Hija gharfet lill-imputat bhala dik il-persuna li serqitilha l-gizirana.

Xehdet <u>WPC251 Donna Frendo</u> li pprezentat rapport immarkat bhala Dok. DF1. <u>PS163 Robert Azzopardi</u> esebixxa zewg rapporti mmarkat Dok. RA1 u RA2. <u>PC299 Damien Cilia</u> esebixxa rapporti mmarkati bhala Dok. DC1, DC2, u DC3. <u>PS827 Edward Grech</u> esebixxa tliet rapporti mmarkati bhala Dok. EG1, EG2 u EG3. <u>PS 1236 Joseph Gatt</u> esebixxa rapport immarkat bhala Dok. JG1. <u>PS596 Christopher Long</u> esebixxa zewg rapporti mmarkati bhala Dok. CL1 u CL2.

Xehed ukoll <u>PC919 Ismael Camilleri</u> fejn kien mar fuq il-post tas-serqa nhar it-tlieta (3) ta' Gunju hdejn il-grawnd tal-Hamrun u

hemmhekk sab lil Dennis Thornton izomm lill-imputat li kien qallu li kien ghadu kif ra lill-istess imputat jisraq anzjana u jahrab.

Xehed ukoll PC1060 David Sammut li esebixxa zewg rapporti mmarkati Dok. DS1 u DS2.

PS1147 Antoine Fenechipprezenta dokument AF1 kontententi zewg stills pero' fid-depozizzjoni tieghu ma jghidx mil-liema propjeta' ha l-filmat jew ghal-liema data jew post jirraprezentaw.

Carmela Maria Mangion xehdet illi f'Mejju 2016 kienet mal-habiba taghha Emmanuela Attard kif kienu ghadhom hergin mill-quddies fil-Hamrun fejn qalet li hi u habibitha kienu gew attakkati minn persuna maskili li kien liebes gakketta griza u bil-hood u dan hataf il-gizirajjen ta' Emmanuela. Hi tghid illi din il-persuna ma tistax taghrafha.

Xehed l-Ispettur Robert Vella li esebixxa l-fedina penali tal-imputat aggornata (Dok. RVX) u erbatax (14)-il certifikat tat-twelid tal-persuni derubati li juru li kollha huma anzjani (Dok. RVa - RVo).

L-Ispettur Vella esebixxa wkoll tliet sentenzi ai fini tar-recediva li dawn gew immarkati bhala Dok. RVP, RVQ u RVR.

PC415 Randall Gili pprezenta numru ta' filmati u xi stills (Dok. RG1-RG5) izda ma kkonfermax id-data ta' dawn il-filmati (ghalkemm tidher data fuqhom pero' din trid issir il-konferma li hu real time) u l-anqas il-post u l-anqas ikkonferma min ghaddiehomlu.

**Ikkunsidrat**

Rat l-istqarrija tal-imputat mehuda bil-kawteli kollha nhar it-tlieta **(3) ta' Gunju 2016** fejn huwa jammetti ghas-serqa tal-gizirana fuq sinjura anzjana u fejn imbaghad gie mwaqqaf minn ragel. Dan qal li mhux l-ewwel darba li ghamel hekk u dan ghaliex kien ikun mhedded minn persuna li ghandu d-dejn maghha. Huwa qal illi dejjem seraq mil-lokalitajiet tal-Hamrun, Santa Venera u l-Marsa. A rigward is-serqa tal-ghoxrin **(20) ta' Mejju 2016** minn Villambrosa wara nofsinhar jghid illi gibed persuna ohra li jghidulha x-Xalun izda hu kien qed jistennieh go kantuniera. A rigward is-serqa tal-14 ta' April jichad li kien hu li ghamilha. A

rigward serqa fl-ghoxrin **(20) ta' Mejju 2016** filghodu fi Triq il-Kbira San Guzepp huwa jikkonferma li kien hu li seraq u kien ma' wiehed jismu Xalon Abela. Fis-serqa tat-tlettax **(13) ta' Mejju 2016** jghid li kien hu wkoll flimkien ma' Xalon. Huwa kkonferma wkoll li s-serqiet kollha u cioe' tlieta (3) li saru fit-tlieta **(3) ta' Gunju 2016** mill-Hamrun kien hu wkoll. Dan jghid li kien ma' Kyle c-Cancu. Huwa kkonferma wkoll is-serqa tat-tmienja u ghoxrin **(28) ta' Mejju 2016** fi Triq Abela Scolaro u dan jghid li kien ma' Jean Paul jghidulu s-sufu. Dak inhar ukoll tat-tmienja u ghoxrin **(28) ta' Mejju fil-ghaxija** ammetta li saret serqa ohra fejn kien ma' Xalon fi Triq Sant Anna.

A rigward is-serqa tas-sittax (16) ta' April 2016 fi Triq Sant Antnin jghid li ma kienx hu izda kien Kyle c-Cancu u hu kien ftit 'il boghod. Is-serqa tad-dsatax (19) ta' April 2016 fi gnien Belvedere, Marsa ma kienx mar hu izda dan kien ic-Cancu u ghas-serqa tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April 2016 fi Triq San Mikiel, Marsa kien ix-Xalun u hu kien ftit 'il boghod.

Fis-serqa tat-tmienja u ghoxrin **(28) ta' April 2016** fi Triq id-Duka ta' Edimbera, Hamrun jghid li kien hu wkoll fejn kien max-Xalun u

mas-Sufu. A rigward is-serqa tas-sbatax (17) ta' Mejju 2016 minn gewwa Triq Abela, Santa Venera dan jghid li ma kienx hu izda kienu x-Xalun u s-Sufu. A rigward is-serqa tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju 2016 jghid illi kien Kyle c-Cancu u hu kien qed jistennieh fil-karrozza. Fit-tletin (30) ta' Mejju 2016 fi Triq il-Bir, Santa Venera hu ma kellux x'jaqsam u l-anqas a rigward serqiet li saru fil-hdax (11) ta' April 2016 fi Triq il-Bir, Santa Venera u fl-erbgha (4) ta' Mejju 2016 fi Triq Saura, Marsa.

A rigward serqa li saret fis-sitta (6) ta' Mejju 2016 fi Triq Mimosa, Pieta' jghid li kien ic-Cancu izda a rigward serqa li saret fit-tlieta u ghoxrin **(23) ta' Mejju 2016** fi Triq Mimosa, Pieta' jghid li kien hu flimkien ma' Jean Paul. L-imputat jispicca l-istqarrija tieghu billi jghid illi ghal dawn is-serqiet xi kultant kienu jtuh ftit droga sintetika sabiex ma jiddejjaqx jinzel. Huwa kkonferma wkoll li din ma kinitx l-ewwel darba li kien inqabad mill-pulizija fuq serqiet simili.

Il-Qorti nnutat ukoll Dok. KZ1 li hija dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-jedd tal-parir legali izda f'dak iz-zmien ma kienx hemm il-htiega tal-jedd ta' prezenza ta' avukat.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa oramaj risaput illi fi proceduri bhala dawk odjerni trid tingieb dejjem 'il quddiem l-ahjar prova. Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Mejju 2019) gie ritenut is-segwenti:

*"Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l-kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.*

*Dwar l-oneru ta' prova, kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Supretendent Ian Joseph Abdilla)(Spettur Kevin Borg) vs. Joseph Baldacchino Farah Kirpalani Philip Micallef (Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta' Mejju, 2017 (Numru 809/2005) ghalkemm dwar mertu u imputazzjonijiet differenti minn dawk in kwistjoni:*

*Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):*

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit". Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir-raguni".*

*Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 flismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of*

*course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi f'dawn il-proceduri jirrizulta li hlief ghas-serqiet tat-tlieta (3) ta' Gunju 2016 a dannu ta' Victoria Dalli u tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju 2016 a dannu ta' Izabel Soczka ma hemmx prova tangibbli u konkreta li s-serqiet l-ohra kkommettihom l-imputat odjern u dan ghaliex f'dawn l-ahhar serqiet ma kienx gie rikonoxxut minn hadd mid-derubati. Jirrizulta pero' illi fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta ghas-serqiet kollha fejn dan jghid li fil-maggjor parti taghhom kien ikun ma' terzi persuni. Illi jirrizulta wkoll illi dawn l-istqarrijiet li kienu tnejn, gew mehuda minghajr minacci jew theddid u wara li nghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu, huwa rrinunzja ghal tali dritt.

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-istqarrija hija kkunsidrata bhala prova regina, jekk mehuda kif suppost fosthom fil-kawza **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** (dec 11/4/2011 u 12/4/2011) fejn il-Qorti tal-Appell iddecidiet is-segwenti:-

*"Din il-Qorti mhijiex ser tiddeciedi l-kwistjoni mill- aspett kostituzzjonali izda sejra taghmel is-segwenti osservazzjonijiet. Fil-kaz in ezami, l-appellata kienet mgharrfa bil-jedd taghha li tibqa' siekta u ma twegibx ghall-mistoqsijiet li jsirulha mill-ufficjal investigatur. Ma jirrizultax li kellha esperjenzi ohrajn ta' interrogazzjonijiet mill-Pulizija qabel dan, izda l-ghazla li twiegeb jew ma twegibx setghet taghmilha bla konsegwenzi ta' xejn u ghalhekk tali ghazla ghamlitha b'liberta' shiha. ... Gialdarba d-difiza ma kenitx qed tikkontesta l-volontarjeta ta'l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tigi skartata fuq il-bazi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta ma gietx messa in diskussjoni. Konsegwentement in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta ta'l-istqarrija ta'l- appellata, f'dan il-kaz tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Illi di piu', din il-Qorti thoss li ghandha tidhol fil-kwistjoni; ghalkemm qatt ma giet sollevata mid-difiza; li l-istqarrija tal-

imputat (ghalkemm ittiehdet b'mod volontarju u minghajr minacci u bil-kawteli kollha vigenti dak iz-zmien); tal-ammissibilita' tal-istqarrija u dan minhabba zvikuppi li saru wara fejn is-suspettat ghandu dritt li jkollu avukat prezenti anke mill-bidu tal-investigazzjoni.

Illi jirrizulta li f'dan il-kaz l-imputat odjern inghata d-dritt li jikonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu fiz-zewg stqarrijiet li huwa ta b'mod spontanju lill-pulizija izda dak iz-zmien, izda li huwa rrinunzja ghal tali dritt (Dok KZ1).

Illi l-Qrati taghna kif ukoll dawk tal-Unjoni Ewropea mhux dejjem kienu konkordanti fuq dan il-punt. Waqt li kollha jaqblu illi stqarrija minghajr l-ebda wahda mill-kawteli prezenti tirrizulta ghall-inammissibilita' tal-istqarrija mhux tal-istess parir meta d-dritt tal-avukat inghata izda mhux tal-prezenza tal-avukat waqt l-istqarrija.

Illi f' dan ir-rigward issir riferenza ghall-insenjament tal-Grand Chamber tal-Qorti Ewropea f' **Beuze vs. Belgium** (dec 9/11/2018 – 71409/10) fejn tenniet is-segwenti:

*"' In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self-incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).' "*

Illi f' dan il-kuntest referenza ssir ukoll ghal kaz iehor bl-ismijiet **Farrugia vs. Malta** (dec 4/6/2019 - 63041/13) fejn il-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem segwiet l-insenjament tal-Grand Chamber f' Beuze. Fil-kaz Farrugia v. Malta, il-Qorti Ewropea

kellha l-opportunita' li tezamina s-sistema Maltija fejn sabet li s-sistema nostrana tissodisfa t-test tal-overall fairness.

Ghalhekk, l-enfasi tal-Qorti Ewropea hija diretta lejn l-overall fairness of the proceedings u din giet imfissra illi:

> *"' While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above-mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.' "*

Decizjoni tal-Qorti Ewropea aktar ricenti minn ta' Farrugia u li ghal darb' ohra tanalizza s-sistema li kienet vigenti qabel dahal id-dritt ta' assistenza legali fil-kuntest ta' interrogazzjoni fil-ligi nostrana hija dik bl-ismijiet <u>Mark Charles Kenneth Stephens vs. Malta</u> (dec 14/1/ 2020). F' din l-ahhar sentenza gie ritenut hekk:

*" ' However the Court notes that the non-observance of one of the minimum rights guaranteed by Article 6 § 3 will not lead to an automatic violation of that provision (see, for example and by implication, Ibrahim and Others v. the United Kingdom [GC], nos. 50541/08 and 3 others, 13 September 2016, and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, ECHR 2015). The fairness of a criminal trial must be guaranteed in all circumstances. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case. The Court' s primary concern, in examining a complaint under Article 6 § 1, is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Beuze v. Belgium, [GC], no. 71409/10, §§ 120, 9 November 2018 and the case-law cited therein.*

*...*

*Particularly relevant to the present case, the Court observes that in the recent Beuze judgment, the Grand*

*Chamber departed from the approach taken in previous cases that systematic restrictions on the right of access to a lawyer led, ab initio, to a violation of the Convention (see, in particular, Dayanan v. Turkey, no. 7377/03, § 33, 13 October 2009, Boz v. Turkey, no. 2039/04, § 35, 9 February 2010, and Borg, cited above, § 62). In Beuze, the Grand Chamber gave prominence to the examination of the overall fairness approach and confirmed the applicability of a two stage test, namely whether there are compelling reasons to justify the restriction as well as the examination of the overall fairness and provided further clarification as to each of those stages and the relationship between them.' "*

Illi ghalhekk jidher car illi f'dan il-kaz, ghalkemm l-imputat kien ghadu relattivament ta' eta' zghira (24 sena) meta ttiehdet l-istqarrija fl-2016 izda harsa lejn il-fedina penali tieghu johrog li huwa kien ben midhla tas-sitema gudizzjarja u investigattiva. Illi l-fedina penali aggornata li giet ipprezentata mill-Ufficjal Prosekutur jidher illi l-imputat kien gie akkuzat u misjub hati mill-inqas tliet (3) okkazzjonijiet fuq kazijiet ta' serq bl-istess *modus operandi*

tal-proceduri odjerni. Illi di piu' huwa kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat ta' fiducja tieghu izda dan kien irrifjuta dan id-dritt. Illi rrizulta illi l-imputat fl-istadju tal-istqarrija ammetta numru kbir ta' serqiet fuq anzjani u fornixxa wkoll lill-investigaturi informazzjoni ulterjuri b'mod spontanju fuq serqiet ohrajn li ma kienx wettaq hu u fuq persuni l-ohra li setghu wettqu dawn is-serqiet.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-overall fairness rikjest mis-sentenzi citati hawn fuq gie rispettat fit-totalita' tieghu. Illi f'dawn il-proceduri spikkat in-non kuranza tal-imputat fil-proceduri fejn xi kultant ma jitfaccjax, ma jkellimx lill-avukat tieghu minkejja l-fatt li l-avukat dejjem attenda s-seduti u finalment ma tax kaz illi jressaq id-difiza tieghu. Dawn kollha kienu mankanzi tal-imputat u bl-ebda mod m'ghandhom jimpingu fuq l-overall fairness tal-proceduri. Illi ghalhekk tqis li l-istqarrijiet moghtija f'din l-investigazzjoni ghandhom ikunu ammissibbli bhala prova.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat Wayne Camilleri huwa akkuzat ta' numru ta' serqiet fuq anzjani li dawn is-serqiet kienu aggravati bil-valur u whud minnhom bil-vjolenza.

Illi Wayne Camilleri ammetta dawn is-serqiet fl-istqarrijiet li kien ta lill-investigaturi izda mhux f'kollha kellu rwol attiv fihom. Jghid illi f'xi whud minnhom, fosthom dawk taht l-akkuzi numru erbgha (4), disgha (9), ghaxra (10), hdax (11), tnax (12) u erbatax (14) jghid illi jew ma kienx hu izda jsemmi xi nies ohrajn jew li kien prezenti ftit 'il boghod mill-akkadut. Illi jinghad illi ghal dawn l-akkuzi l-prosekuzzjoni ma tatx l-akkuza tal-komplicita' u ghalhekk fl-assenza ta' provi ohra cirkostanzjali din il-Qorti ma tistax issib htija fuq l-akkuzat taht dawn l-akkuzi. Dan qed jinghad ghaliex il-prova li giet esebita mill-prosekuzzjoni u cioe' tal-filmati u l-istills ma ghandhom l-ebda valur probatorju peress illi dawn gew mitfughin fil-proceduri minghajr ma ngabet il-prova tal-origini taghhom u minghajr prova importanti tac-chain of evidence. Inoltre' dawn ma gewx ikkonfermati kif suppost minn espert tal-Qorti biex jikkonferma l-awtenticita' taghhom.

Illi tenut kont dan kollu thoss illi a bazi tal-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija is-serqiet mertu tal-akkuzi 1, 2, 3, 5, 6, 7, 8, 13, 15, 16 u 17 gew ippruvati. Pero' jinghad illi ghalkemm l-aggravju tal-eta' tal-vittmi gie ppruvat permezz ta' certifikati tat-twelid taghhom, dak tal-valur ma giex stabbilit ghaliex il-valur tal-oggetti misruqa gie kkonstatat bhala wiehed approssimattiv. Illi ghalhekk din il-Qorti ser tapplika d-dispozizzjoni tas-serq semplici.

A rigward l-aggravju tal-vjolenza, l-imputat huwa akkuzat b'serq bi vjolenza ghall-akkuzi wiehed (1) u tlieta (3). Illi jinghad ghal kull buon fini illi ghall-ebda wahda mill-akkuzi ma gie esebit xi certifikat mediku tal-anzjani li dawn sofrew xi griehi. Pero' dan l-aggravju johrog mit-testimonjanza taghhom fejn qalu li hassew gibda minn ghonqhom fejn il-malvivent gibdilhom il-gizirana li kellhom f'ghonqhom izda fl-ebda mument ma xehdu li garrbu xi griehi.

Illi l-Kodici Kriminali huwa car a rigward x'ifisser serq ikkwalifikat bi vjolenza  b'mod partikolari l-Artikolu 262 (1) li jghid hekk:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza" -*

*(a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta'offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà;*

*(b) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn;*

*(ċ) meta wieħed li jkun qiegħed jiġġerra mal-kampanja, armat b'armi regulari, jew li jkun jagħmel sehem minn ġemgħa ta' nies miġbura flimkien fis-sens tal-artikolu 63, b'talba bil-miktub jew bil-fomm, magħmula minnu nnifsu jew permezz ta' persuna oħra, iġiegħel li jiġu mogħtija lilu ħwejjeġ ħaddieħor, għad illi t-talba ssir mingħajr ebda theddid".*

Illi ghalhekk huwa car u evidenti illi l-fatti kif migjuba anke mill-verzjonijiet tal-parte civile inkwistjoni, ma jaqghux taht l-ebda wahda mis-subincizi hawn fuq dedotti.

Illi a rigward ir-reat ta' ricettazzjoni jinghad illi din l-akkuza hija alternattiva ghar-reati ta' serq li gew ippruvati.

A rigward l-akkuza tmintax (18) u cioe' li l-imputat ikkommetta reat waqt sentenzi ta' Probation liema sentenzi gew definittivi u ma jistghux jigu mibdula, jinghad illi dawn is-sentenzi (RVq u RVr) ma gewx ikkonfermati bil-gurament mir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali inkwantu jekk sarux definittivi u ghalhekk ma jistghux ikollhom valur probatorju.

A rigward l-aggravju tar-recidiva jinghad ukoll illi ghalkemm giet esebita il-fedina penali aggornata tal-imputat (Dok RVx) din xorta wahda mhijiex l-ahjar prova fil-kamp kriminali ghaliex ma tikkostitwixxix prova certa u inekwivoka li din is-sentenza giet definittiva u ma gietx mibdula.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 31(1)(b), 41, 257D(1)(c), 284, 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil **Wayne Camilleri** hati tal-akkuzi wiehed (1) (mhux aggravat bil-vjolenza u valur), tlieta (3) (mhux aggravat bil-vjolenza u valur), hamsa (5) (mhux aggravat bil-valur), sitta (6) (mhux aggravat bil-

valur), sebgha (7) (mhux aggravat bil-valur), tmienja (8) (mhux aggravat bil-valur), tlettax (13) (mhux aggravat bil-valur), hmistax (15), sittax (16) (mhux aggravat bil-valur) u sbatax (17) u tikkundannah ghal prigunerija effettiva ta' disa' (9) xhur prigunerija effettivi filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Dep. Reg.**